# IL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 13 ta’ Marzu 2001**

**Kawza Numru: 34**
**Citazzjoni Numru: 290/01/RCP**

**Albert F S Manduca Limited**

**vs**

**Rene` Portelli**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fis-somma ta’ elfejn erba’ mija u sitt liri u disgha u hamsin centezmi (Lm2,406.59) bilanc ta’ somma akbar valur ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut li jiggestixxi negozju ta’ *wholesaler.*

Illi l-konvenut gie kemm il-darba interpellat ihallas lammont dovut permezz ta’ ittra datata 15 ta’ Settembru 1999 (Dok A), tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Settembru 1999 li giet

debitament notifikata fil-5 ta' Novembru 1999 (Dok B) u ittra ohra datata 27 ta' Gunju 2000 (Dok C), izda baqa' ma hallas xejn mill-ammont dovut.

Peress li jezistu l-elementi kollha mehtiega biex dina l-kawza issir bid-dispensa tas-smiegh a' tenur tal-Artiklu 167 *et seq* Kap 12 kif jirrizulta mill-affidavit ta' Alfred Falzon Sant Manduca ezibit bhala Dok X;

L-istess socjeta` attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandiex dina l-Qorti:

1. Tordna li l-kawza issir bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2,406.59 bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u konsenjata lill-konvenut;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas ukoll l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma ta' Lm2,406.59 b'effett mit-23 ta' Settembru 1999, data tal-ittra ufficjali fuq imsemmija, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1999, li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenut **tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut:

2. Ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm2,406.59 bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija debitament mibjugha u konsenjata lill-konvenut;

3. Ihallas ukoll l-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-istess somma ta' Lm2,406.59 b'effett mit-23 ta' Settembru 1999, data tal-ittra ufficjali fuq imsemmija, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Settembru 1999.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**13 ta' Marzu 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**13 ta' Marzu 2001.**